KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CAMPOS SÁNCHEZ-BORDONA
ippreżentati fl-14 ta' Jannar 2021 [1]

Kawża C-913/19

CNP spółka z ograniczoną odpowiedzialnością
vs
Gefion Insurance A/S

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Rejonowy w Białymstoku (il-Qorti Distrettwali ta' Białystok, il-Polonja))

"Proċedura għal deċiżjoni preliminari — Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili — Ġurisdizzjoni f'materji ċivili u kummerċjali — Ġurisdizzjoni speċjali — Assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili — Trasferiment ta' krediti — Kunċett ta' fergħa, aġenzija jew stabbiliment"

1. Fit-tilwima tal-bidu kien hemm diskussjoni dwar il-ġurisdizzjoni internazzjonali ta' qorti Pollakka sabiex tiddeċiedi t-tilwima bejn kumpannija li lilha ttrasferixxiet id-drittijiet tagħha l-persuna leża minn inċident tat-traffiku, li seħħ fil-Polonja, u l-impriża tal-assigurazzjoni, li tinsab fid-Danimarka, li tkopri r-riskji tal-persuna li kkawżat l-inċident.

2. Fit-talba għal deċiżjoni preliminari tagħha, il-qorti Pollakka titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tinterpreta r-regoli dwar il-ġurisdizzjoni speċjali f'materji ta' assigurazzjoni, tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu II tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 [2], flimkien mal-Artikolu 7(2) u (5) ta' dan ir-regolament. Skont dawn tal-aħħar, għandhom ġurisdizzjoni l-qrati tal-post fejn l-avveniment dannuż ikun twettaq (punt 2) u l-qrati tal-post fejn il-fergħa, l-aġenzija jew stabbiliment ieħor ta' impriża ewlenija jkunu jinsabu, għal kawżi mressqa kontra din tal-aħħar għal attivitajiet li jinvolvu lil dawk tal-ewwel (punt 5).

3. Fis-sentenza li għandha tingħata f'din il-kawża (li ser tiżdied ma' dawk li diġà ddeċidiet dwar it-taqsima tal-assigurazzjoni) [3], il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tindirizza wkoll ir-relazzjoni bejn l-Artikolu 7(5) tar-Regolament u d-Direttiva 2009/138/KE [4].

1 Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

2 Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU 2012, L 351, p. 1; iktar 'il quddiem, ir-"Regolament").

3 Ara, fost l-iktar reċenti, is-sentenzi tas-27 ta' Frar 2020, BALTA (C-803/18, EU:C:2020:123); tal-31 ta' Jannar 2018, Hofsoe (C-106/17, EU:C:2018:50); u tal-21 ta' Jannar 2016, SOVAG (C-521/14, EU:C:2016:41).

4 Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU 2009, L 335, p. 1; bir-rettifiki fil-ĠU 2014, L 219, p. 66, fil-ĠU 2016, L 262, p. 34 u fil-ĠU 2019, L 316, p. 107; iktar 'il quddiem, id-"Direttiva Solvibbiltà II").

I. Il-kuntest ġuridiku

A. Ir-Regolament Nru 1215/2012 [5]

4. Skont il-premessa 16 tiegħu:

"Barra [il-qorti ta]d-domiċilju tal-konvenut, għandu jkun hemm raġunijiet alternattivi ta' ġurisdizzjoni [qrati alternattivi] bbażati fuq konnessjoni mill-qrib bejn il-qorti u l-azzjoni jew sabiex tkun iffaċilitata l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. L-eżistenza ta' konnessjoni mill-qrib għandha tiżgura ċ-ċertezza legali u tevita l-possibbiltà li l-konvenut jiġi mħarrek f'qorti ta' Stat Membru li dan il-konvenut ma setax raġonevolment jipprevedi. [...]"

5. L-Artikolu 4(1) jipprovdi li:

"Soġġetti għal dan ir-Regolament, persuni b'domiċilju fi Stat Membru għandhom, independentament min-nazzjonalità tagħhom, jitressqu quddiem il-qrati ta' dak l-Istat Membru".

6. F'konformità mal-Artikolu 5(1):

"Persuni domiċiljati fi Stat Membru jistgħu jitressqu quddiem il-qrati ta' Stat Membru ieħor biss bis-saħħa tar-regoli mniżżla fit-Taqsimiet 2 sa 7 ta' dan il-Kapitolu".

7. Skont l-Artikolu 7:

"Persuna domiċiljata fi Stat Membru tista' tiġi mħarrka fi Stat Membru ieħor:

[…]

(2) fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' tort, delitt jew kważi delitt, fil-qrati tal-post fejn l-avveniment dannuż jkun twettaq jew jista' jitwettaq;

[…]

(5) fir-rigward ta' tilwima li tirriżulta mill-attività ta' fergħa, aġenzija jew stabbiliment ieħor, fil-qrati tal-post fejn il-fergħa, l-aġenzija jew stabbiliment ieħor ikunu jinsabu".

8. Ir-regoli sabiex tiġi ddeterminata l-ġurisdizzjoni f'materji ta' assigurazzjoni, li huma s-suġġett tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu II tar-Regolament, huma mniżżla fl-Artikoli 10 sa 16 tiegħu.

9. L-Artikolu 10 jipprovdi li:

"Fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni, il-ġurisdizzjoni għandha tiġi determinata b'din it-Taqsima, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6 u l-punt 5 tal-Artikolu 7".

[5] F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma pparteċipatx fl-adozzjoni tar-Regolament u ma hijiex marbuta bih jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu; madankollu, innotifikat lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni tagħha li tapplika l-kontenut tar-Regolament permezz ta' nota tal-20 ta' Diċembru 2012 (ĠU 2013, L 79, p. 4).

B. Id-Direttiva 2009/138

10. F'konformità mal-Artikolu 145 ("Kondizzjonijiet għall-istabbiliment ta' fergħa"):

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li impriża tal-assigurazzjoni li tipproponi li tistabbilixxi fergħa fit-territorju ta' Stat Membru ieħor tinnotifika lill-awtoritajiet superviżorji tal-Istat Membru ta' domiċilju tagħha.

Kull preżenza permanenti ta' impriża fit-territorju ta' Stat Membru għandha tiġi ttrattata bl-istess mod bħal fergħa, anki fejn dik il-preżenza ma jkollhiex il-forma ta' fergħa, iżda tikkonsisti biss f'uffiċċju amministrat mill-impjegati tal-impriża proprja jew minn persuna li tkun indipendenti iżda li jkollha l-awtorità permanenti biex taġixxi għall-impriża bħal ma kienet tagħmel aġenzija.

[...]".

11. L-Artikolu 151 ("Non-diskriminazzjoni ta' persuni li jressqu klejms") jipprovdi li:

"L-Istat Membru ospitanti għandu jeħtieġ lill-impriża tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja li tiżgura li l-persuni li għandhom klejms li joriġinaw minn avvenimenti li jseħħu fit-territorju tiegħu ma jitqiegħdux f'sitwazzjoni anqas favorevoli bħala riżultat tal-fatt li l-impriża tkun qiegħda tkopri riskju, ta' xorť oħra minn responsabbiltà ta' trasportatur, fil-klassi 10 fil-Parti A tal-Anness I permezz ta' provvista ta' servizzi iktar milli permezz ta' stabbiliment li jkun jinstab f'dak l-Istat".

12. L-Artikolu 152 ("Rappreżentant") jipprovdi li:

"1. Għall-finijiet imsemmija fl-Artikolu 151, l-Istat Membru ospitanti għandu jeħtieġ lill-impriża tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja li taħtar rappreżentant residenti jew stabbilit fit-territorju tiegħu li għandu jiġbor l-informazzjoni kollha neċessarja fir-rigward ta' klejms, u għandu jkollu poteri suffiċjenti biex jirrappreżenta lill-impriża fir-rigward ta' persuni li jsofru ħsara jew li jistgħu jsegwu klejms, inkluż il-pagament ta' dawn il-klejms, u li jirrappreżentaha jew, meta neċessarju, li jara li tkun rappreżentata quddiem il-qrati u l-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru f'relazzjoni għal dawn il-klejms.

[...]".

II. Il-fatti u d-domanda preliminari

13. Iċ-CNP spółka z ograniczoną odpowiedzialnością (iktar 'il quddiem, iċ-"CNP") hija kumpannija b'responsabbiltà limitata stabbilita fil-Polonja.

14. Gefion Insurance A/S (iktar 'il quddiem, "Gefion") hija impriża tal-assigurazzjoni stabbilita fid-Danimarka.

15. Crawford Polska sp. z o.o. (iktar 'il quddiem, "Crawford Polska"), li għandha s-sede tagħha fil-Polonja, hija l-impriża awtorizzata minn Gefion [6] għal "regolazzjoni sħiħa tal-klejms", kif ukoll biex turi "r-rappreżentazzjoni ta' Gefion fil-proċeduri kollha [...] quddiem il-qrati u awtoritajiet pubbliċi oħra".

[6] Permezz ta' setgħa tal-31 ta' Mejju 2016, mogħtija mill-membri awtorizzati mill-korp tal-amministrazzjoni ta' Gefion favur Crawford Polska.

16. Polins spółka z ograniczoną odpowiedzialnością (iktar 'il quddiem, "Polins"), it-tieni impriża bbażata f'Żychlin (il-Polonja) hija wkoll rappreżentanta ta' Gefion fil-Polonja [7].

17. Fit-28 ta' Frar 2018, seħħ inċident tat-traffiku fil-Polonja, fejn ħabtu l-vettura tal-persuna leża u dik tal-persuna li kkawżat l-inċident. F'dan il-mument, din tal-aħħar kellha kuntratt ta' assigurazzjoni ma' Gefion għar-responsabbiltà ċivili tal-proprjetarju tal-vettura bil-mutur.

18. Fl-1 ta' Marzu 2018, waqt it-tiswija tal-vettura, il-persuna leża ffirmat kuntratt b'titolu oneruż mal-garaxx tat-tiswija għall-kiri ta' vettura ta' sostituzzjoni.

19. Bħala ħlas tas-servizz ta' kiri, din il-persuna ttrasferixxiet il-kreditu fil-konfront ta' Gefion favur il-garaxx tat-tiswija. Mat-tmiem tal-kiri, il-garaxx ħareġ fattura tal-VAT għas-servizz.

20. Fil-25 ta' Ġunju 2018, permezz ta' kuntratt ta' trasferiment ta' kreditu, CNP xtrat mingħand il-garaxx tat-tiswija, id-dritt li titlob il-kreditu dovut minngħand Gefion, bħala rimbors tal-ispejjeż tal-kiri tal-vettura ta' sostituzzjoni.

21. F'dan l-istess jum, CNP kienet talbet lil Gefion tħallas l-ammont li jirriżulta mill-fattura. Hija bagħtet it-talba lill-maniġment ta' Polins.

22. Permezz ta' mandat minn Gefion, Crawford Polska ħadet ir-responsabbiltà għall-ħlas tal-klejm. Billi aġixxiet f'isem Gefion, Crawford Polska vverifikat parzjalment il-fattura u aċċettat parti mill-ammont mitlub.

23. Fl-istess dokument dwar dawn il-punti, Crawford Polska għamlet riferiment għall-possibbiltà li tiġi ppreżentata klejm quddiemha, bħala entità awtorizzata mill-impriża tal-assigurazzjoni. Hija inkludiet ukoll informazzjoni dwar il-possibbiltà li tiġi mħarrka Gefion, kemm f'konformità mad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-ġurisdizzjoni, kif ukoll quddiem il-qorti kompetenti tal-post ta' residenza jew tas-sede tad-detentur ta' polza ta' assigurazzjoni, tal-persuna assigurata, tal-benefiċjarju jew tal-proprjetarju tal-kuntratt ta' assigurazzjoni.

24. Fl-20 ta' Awwissu 2018, CNP ressqet talba kontra Gefion quddiem is-Sąd Rejonowy w Białymstoku (il-Qorti Distrettwali ta' Białystok, il-Polonja). Fir-rigward tal-ġurisdizzjoni internazzjonali, hija użat l-informazzjoni ppubblikata minn Gefion, fis-sens li r-rappreżentanta ewlenija tagħha fil-Polonja hija Polins. Hija talbet li n-notifiki indirizzati lil Gefion jintbagħtu fl-indirizz ta' Polins.

25. Gefion, bħala konvenuta, opponiet l-aċċettazzjoni tat-talba minħabba n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-qorti Pollakka. Hija invokat l-Artikolu 5(1) tar-Regolament bħala dispożizzjoni applikabbli għall-ġurisdizzjoni. Wara l-allegazzjoni li CNP hija entità professjonali intiża għax-xiri ta' krediti li jirriżultaw minn kuntratti ta' assigurazzjoni, hija sostniet li CNP ma għandhiex status ta' detentur ta' polza tal-assigurazzjoni, ta' persuna assigurata jew ta' benefiċjarja u li konsegwentement, ma tgawdix mill-possibbiltà li tressaq talbiet quddiem il-qorti ta' Stat Membru differenti minn dik tas-sede tal-assiguratur.

[7] Hija taġixxi bħala aġent tal-assigurazzjoni, f'konformità ma' leġiżlazzjoni Pollakka li tittrasponi d-Direttiva (UE) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2016 dwar id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni (riformulazzjoni) (ĠU 2016, L 26, p. 19).

26. CNP wieġbet li l-konvenuta tinsab fil-lista nnotifikata fil-Polonja tal-impriżi ta' assigurazzjoni tal-Istati Membri UE/EFTA, issorveljati mill-Komisja Nadzoru Finansowego (il-Kumitat ta' Superviżjoni Finanzjarja, il-Polonja); li tikkummerċjalizza poloz fit-territorju tal-Polonja, u li huwa inammissibbli li min jissurroga fil-kreditu tal-persuna leża ma jistax jitlob ir-rimbors tal-ispiża tat-tiswija quddiem il-qorti tal-post fejn seħħew l-avveniment dannuż u t-tiswija.

27. F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Sąd Rejonowy w Białymstoku (il-Qorti Distrettwali ta' Białystok) tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-Artikolu 13(2) moqri flimkien mal-Artikolu 10 tar-[Regolament Nru 1215/2012] għandu jiġi interpretat fis-sens li f'kontenzjuż bejn, minn naħa, professjonist li akkwista pretensjoni [kreditu] mingħand persuna leża kontra kumpannija tal-assigurazzjoni għal assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili, u, min-naħa l-oħra din il-kumpannija tal-assigurazzjoni, ma hijiex eskluża l-ġurisdizzjoni tal-qorti fuq il-bażi tal-punt 2 tal-Artikolu 7 jew tal-punt 5 tal-Artikolu 7 tar-Regolament?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, il-punt 5 tal-Artikolu 7 tar-[Regolament Nru 1215/2012] għandu jiġi interpretat fis-sens li kumpannija rregolata mil-liġi kummerċjali, li topera fi Stat Membru, li tillikwida d-danni fuq il-proprjetà fir-rigward tal-assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili obbligatorja għall-possessuri ta' vetturi bil-mutur, u li topera fil-kuntest ta' kuntratt ma' kumpannija tal-assigurazzjoni li s-sede tagħha tinsab fi Stat Membru ieħor, għandha tiġi kkunsidrata bħala fergħa tagħha, aġenzija jew tip ta' stabbiliment ieħor?

3) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, il-punt 2 tal-Artikolu 7 tar-[Regolament Nru 1215/2012] għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jikkostitwixxi bażi legali indipendenti tal-ġurisdizzjoni ta' qorti ta' Stat Membru li fih seħħew id-danni u li quddiemha l-kreditur li jakkwista l-pretensjoni mingħand il-parti leża fir-rigward tal-assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili obbligatorja jippreżenta azzjoni kontra l-kumpannija tal-assigurazzjoni li s-sede tagħha tinsab fi Stat Membru ieħor?"

III. Il-proċedura

28. Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari ġie ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fit-13 ta' Diċembru 2019.

29. CNP, Gefion, il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. Ma ġiex ikkunsidrat meħtieġ li ssir seduta.

IV. L-analiżi

30. Fuq parir tal-Qorti tal-Ġustizzja ser nillimita ruħi biex nagħti l-opinjoni tiegħi dwar it-tieni domanda preliminari. Fiha, bħalma diġà ġie traskritt, il-qorti tar-rinviju titlob l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "fergħa, aġenzija jew xi stabbiliment ieħor", li jinsab fl-Artikolu 7(5) tar-Regolament, f'ċirkustanzi bħal dawk ta' din it-tilwima.

31. Nikkunsidra li r-risposta għal din id-domanda tista' tiġi inferita mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward ta' din id-dispożizzjoni, sa mill-inklużjoni tagħha fil-Konvenzjoni ta' Brussell tal-1968 [8], bħalma ser nispjega iktar 'il quddiem.

32. Sa fejn il-qorti tar-rinviju u xi wħud mill-partijiet li intervjenew f'din il-proċedura għal deċiżjoni preliminari jissuġġerixxu, bejn wieħed u ieħor b'mod tanġenzjali, li d-diskussjoni tiġi estiża għal dispożizzjonijiet oħra f'materji ta' assigurazzjoni (id-Direttiva Solvibbiltà II), ser nirreferi wkoll għalihom.

A. Rimarki preliminari

33. L-Artikolu 7(5) tar-Regolament huwa s-suċċessur immedjat tal-Artikolu 5(5) tar-Regolament (KE) Nru 44/2001 [9], u dan, min-naħa tiegħu, huwa s-suċċessur tal-Artikolu 5(5) tal-Konvenzjoni ta' Brussell tal-1968. Il-kontenut tad-dispożizzjoni ma nbidilx.

34. Il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat it-tliet testi f'sentenzi li ġġeneraw ġurisprudenza stabbilita [10], li, loġikament, għandha tiġi segwita mir-risposta f'din il-proċedura għal deċiżjoni preliminari. B'dan il-mod tiġi ggarantita l-kontinwità fl-interpretazzjoni ta' dan l-istrument u ta' dawk li jippreċeduh, f'konformità mal-premessa 34 tar-Regolament.

35. L-Artikolu 7(5) tar-Regolament jinsab fit-Taqsima 2 ("Ġurisdizzjoni speċjali") tal-Kapitolu II tiegħu. Barra minn hekk, huwa jirregola t-tilwim dwar assigurazzjonijiet jew, b'mod iktar preċiż, it-tilwim li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Taqsima 3 ("Ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet relatati mal-assigurazzjoni") tal-istess kapitolu, meta jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa [11]. Dan huwa inferit mill-kjarifika mniżżla fl-Artikolu 10 tar-Regolament [12].

36. Il-kriterji ta' interpretazzjoni tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament, li ser nesponi iktar 'il quddiem, ma jvarjawx skont jekk ikunx hemm parti inqas "b'saħħitha" meta mqabbla mal-oħra: din iċ-ċirkustanza ma taffettwax il-forma li biha għandha tinftiehem jew tiġi applikata din id-dispożizzjoni [13].

37. B'konsegwenza ta' dan, il-fehma tiegħi ser tibqa' l-istess, kemm jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi fl-affermattiv għall-ewwel domanda preliminari, kif ukoll jekk tikkonkludi bil-kontra u tiddeċiedi favur l-applikazzjoni tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu II tar-Regolament għall-kawża prinċipali. F'din it-tieni ipoteżi, il-qorti msemmija fl-Artikolu 7(5) tar-Regolament hija offruta lir-rikorrent bis-saħħa tar-riferiment intern li jopera l-Artikolu 10 tal-istess test.

[8] Konvenzjoni ta' Brussell tal-1968 dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU 1972, L 299, p. 32; test ikkonsolidat fil-ĠU 1998, C 27, p. 1).

[9] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42).

[10] Id-dispożittiv ta' xi sentenzi jiddependi b'mod ċar fuq iċ-ċirkustanzi tal-każ: ara dawk tat-18 ta' Marzu 1981, Blanckaert & Willems (139/80, EU:C:1981:70; iktar 'il quddiem, is-sentenza "Blanckaert & Willems"); u tad-9 ta' Diċembru 1987, SAR Schotte (218/86, EU:C:1987:536; iktar 'il quddiem, is-sentenza "SAR Schotte"). Dan ma pprevjeniex l-elaborazzjoni ta' kriterji ġenerali li jenfasizzaw, minn naħa, ir-relazzjoni bejn l-entitajiet barranin u dawk lokali u l-perċezzjoni tagħhom minn terzi; min-naħa l-oħra, tal-prossimità bejn is-suġġett inkwistjoni u l-qorti (ara l-punti 38 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet).

[11] It-tilwim li fih ir-rikorrent huwa professjonist f'dan il-qasam ma ma jissodisfawx dawn il-kundizzjonijiet: sentenza tal-31 ta' Jannar 2018, Hofseo (C-106/17, EU:C:2018:50).

[12] L-Artikoli 17(1) u 20(1) tar-Regolament jippreservaw ukoll l-applikazzjoni tal-Artikolu 7(5) għat-tilwim dwar ċerti kuntratti ta' konsum u kuntratti individwali ta' xogħol, rispettivament.

[13] Dan huwa kkonfermat mis-sentenza tad-19 ta' Lulju 2012, Mahamdia (C-154/11, EU:C:2012:491), fir-rigward tal-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 44/2001 (l-Artikolu 20 kurrenti tar-Regolament).

B. L-Artikolu 7(5) tar-Regolament

1. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja

38. L-Artikolu 7(5) tar-Regolament jinkludi regola ta' ġurisdizzjoni speċjali, li tidderoga mill-prinċipju li skontu l-ġurisdizzjoni internazzjonali għandha tkun, l-ewwel nett, għall-qrati tad-domiċilju tal-konvenut.

39. Inkwantu regola ta' ġurisdizzjoni speċjali, din għandha tiġi interpretata b'mod strett mingħajr ma wieħed imur lil hinn mill-ipoteżijiet previsti b'mod espliċitu fir-Regolament [14].

40. Barra minn hekk, l-interpretazzjoni tad-dispożizzjoni għandha tkun awtonoma [15].

41. Bħar-regoli kollha dwar il-ġurisdizzjoni speċjali previsti fl-Artikolu 7 tar-Regolament, dik li tinsab fil-punt 5 tiegħu hija bbażata fuq l-eżistenza ta' konnessjoni partikolarment mill-qrib bejn it-tilwima u l-qrati li potenzjalment jissejħu biex jisimgħuha. Din il-prossimità tiġġustifika l-allokazzjoni tal-ġurisdizzjoni għal raġunijiet ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u ta' tmexxija xierqa tal-proċedura [16].

42. Fid-determinazzjoni ta' jekk azzjoni ġudizzjarja relatata mal-isfruttament ta' fergħa, aġenzija jew xi stabbiliment ieħor ta' impriża li tinstab fi Stat Membru għandhiex biżżejjed konnessjoni ma' Stat ieħor [17], il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja teżiġi żewġ elementi: a) wieħed, li ser insemmi "element suġġettiv", jirreferi għall-entitajiet involuti fil-kwistjoni; u b) l-ieħor, li ser insemmi "element oġġettiv", jirreferi għall-attività li tat lok għat-tilwima.

43. Il-verifika ta' jekk hemmx fergħa, aġenzija jew xi stabbiliment ieħor (fis-sens tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament) hija kompitu li jeħtieġ evalwazzjoni speċifika tal-fatti [18], li hija essenzjali wkoll sabiex tiġi evalwata s-suffiċjenza tar-rabta bejn it-tilwima u l-attivitajiet tal-fergħa, tal-aġenzija jew tal-istabbiliment.

44. Din il-funzjoni tal-istabbiliment tal-fatti, peress li tinvolvi evalwazzjoni *ad casum*, ma ma għandiex titwettaq mill-Qorti tal-Ġustizzja iżda mill-qorti nazzjonali.

[14] Is-sentenza tal-5 ta' Lulju 2018, flyLAL-Lithuanian Airlines (C-27/17, EU:C:2018:533; iktar 'il quddiem, is-sentenza "flyLAL-Lithuanian Airlines"), punti 26 u 62.

[15] Is-sentenza tat-22 ta' Novembru 1978, Somafer (33/78, EU:C:1978:205; iktar 'il quddiem, is-sentenza "Somafer"), punt 8.

[16] Ara r-Rapport Jenard għall-Konvenzjoni ta' Brussell tal-1968 (ĠU 1979, C 59, p. 22) u l-premessa 16 tar-Regolament. Din tal-aħħar tagħmel allużjoni għall-qrati alternattivi "bbażati fuq konnessjoni mill-qrib bejn il-qorti u l-azzjoni jew sabiex tkun iffaċilitata l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja". Barra minn hekk, tenfasizza wkoll li din il-konnessjoni mill-qrib "għandha tiżgura ċ-ċertezza legali u tevita [...] li l-konvenut jiġi mħarrek f'qorti ta' Stat Membru li dan il-konvenut ma setax raġonevolment jipprevedi".

[17] L-Istat fejn jinsabu l-fergħa, l-aġenzija jew l-istabbiliment.

[18] Dan ġie mfakkar mill-Avukat Ġenerali Bobek fil-Konkużjonijiet tiegħu tal-kawża flyLAL-Lithuanian Airlines (C-27/17, EU:C:2018:136), punt 134.

a) L-element suġġettiv

45. Il-kunċetti ta' "fergħa", "aġenzija" jew "stabbiliment ieħor" [19] jimplikaw l-eżistenza ta' ċentru ta' operazzjonijiet, jew "unità tal-azzjoni", li jservi ta' manifestazzjoni esterna dejjiema, bħala l-estensjoni tal-istabbiliment omm [20].

46. Dan iċ-ċentru tal-operazzjonijiet għandu jkollu maniġment u tagħmir materjali li jippermettulu jinnegozja ma' terzi, b'mod li dawn, "għalkemm ikunu jafu li eventwalment ser tiġi stabbilita rabta legali mal-impriża ewlenija, huma eżentati milli jindirizzawha direttament" [21].

47. Jistgħu jiġu distinti żewġ sferi, waħda interna u oħra esterna, fl-azzjoni ta' entità li topera bħala "fergħa", "aġenzija" jew "stabbiliment ieħor" tal-kumpannija omm.

48. Il-Qorti tal-Ġustizzja, li tirrikonoxxi r-rilevanza taż-żewġ sferi [22], tagħti importanza speċjali lid-dehra li jippreżentaw iż-żewġ entitajiet permezz tal-imġiba tagħhom, bħala fattur li jista' jiddetermina relazzjoni mill-qrib bejn tilwim sussegwenti u l-qorti li tismagħhom [23].

49. Skont dan il-kriterju, u f'dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament:

– Mhux ser jiġi kklassifikat bħala fergħa, aġenzija jew stabbiliment "aġent kummerċjali (intermedjarju) indipendenti li [...] jista' jorganizza b'mod liberu l-affarijiet essenzjali tal-attività tiegħu u jiddetermina l-ħin ta' xogħol li jiddedika lil impriża li jaċċetta li jirrappreżenta, u li lilu [din tal-aħħar] ma tistax timpedixxih milli jirrappreżenta, fl-istess ħin, lil diversi kumpanniji li jkunu qegħdin jikkompetu fl-istess settur [...] u li, barra minn hekk, jillimita ruħu li jgħaddi l-ordnijiet lill-kumpannija omm tiegħu mingħajr ma jipparteċipa fit-twettiq jew fl-eżekuzzjoni tan-negozji" [24].

– Jekk, min-naħa l-oħra, din id-dispożizzjoni tiġi applikata għal impriża stabbilita fi Stat Membru li "mingħajr ma topera fergħa, aġenzija jew stabbiliment li ma għandhomx awtonomija fi Stat ieħor, teżerċita l-attivitajiet tagħha [fih] permezz ta' kumpannija indipendenti, li jkollha l-istess isem u l-istess maniġment, u li taġixxi u tikkonkludi negozjati f'isimha, u li tużaha bħallikieku kienet estensjoni tagħha" [25].

[19] Fil-kuntest tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tiddistingwixxix bejn dawn it-tliet kunċetti: sentenza tas-6 ta' Ottubru 1976, De Bloos (14/76, EU:C:1976:134); punt 21.

[20] Sentenzi Somafer, punti 11 u 12; Blanckaert & Willems, punt 11; flyLAL-Lithuanian Airlines, punt 59; u digriet tad-19 ta' Novembru 2019, INA *et* (C-200/19, mhux ippubblikat, EU:C:2019:985), punt 35.

[21] Sentenzi Somafer, punt 12; SAR Schotte, punt 10; u tas-6 ta' April 1995, Lloyd's Register of Shipping (C-439/93, EU:C:1995:104), punt 18.

[22] Is-sentenza SAR Schotte, punti 16: "Ir-relazzjoni mill-qrib bejn it-tilwima u l-qorti li tissejjaħ biex tismagħha hija evalwata mhux biss skont ir-relazzjonijiet legali eżistenti bejn persuni ġuridiċi stabbiliti fi Stati kontraenti differenti, iżda wkoll skont il-mod kif dawn iż-żewġ impriżi jġibu ruħhom fl-attività tal-kumpannija u kif jirrappreżentaw ruħhom fir-rigward ta' terzi fir-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom".

[23] Sentenza tas-6 ta' April 1995, Lloyd's Register of Shipping (C-439/93, EU:C:1995:104), punt 19: "il-fergħat, l-aġenziji jew stabbiliment ieħor sekondarju huma entitajiet li jistgħu jkunu s-sħab ewlenin, u anki esklużivi, ta' terzi fin-negozjar ta' kuntratti".

[24] Sentenza Blanckaert & Willems, punti 12 u 13.

[25] Is-sentenza SAR Schotte, punt 17. Ma narax kontradizzjoni bejn din is-sentenza u s-sentenza Blancaert & Willems, iżda żewġ applikazzjonijiet speċifiċi tal-istess regola. Fil-kawża deċiża mit-tieni waħda, l-aġent kummerċjali, fl-isfera interna ma kellux relazzjoni ta' dipendenza fir-rigward tal-impriża l-oħra u lanqas ma kienet tingħata din l-impressjoni fl-isfera esterna, bil-kontra ta' dak li seħħ fis-sentenza SAR Schotte.

b) L-element oġġettiv

50. Fil-kuntest tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament, it-tilwima għandha tikkonċerna atti legali relatati mal-operat tal-fergħa, tal-aġenzija jew ta' stabbiliment ieħor tal-impriża ewlenija, jew mal-obbligi li huma daħlu għalihom f'isimha [26].

51. Għall-Qorti tal-Ġustizzja, dan huwa l-każ meta t-tilwima tkun konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-fergħa, tal-aġenzija jew tal-istabbiliment. L-applikazzjoni tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament hija eskluża, min-naħa l-oħra, meta ma jkunx hemm informazzjoni li tivverifika l-intervent ta' dawn l-entitajiet fir-relazzjoni legali bejn il-partijiet tat-tilwima prinċipali [27].

52. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet, b'mod partikolari, li tilwima f'materji ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali [28] tista' sseħħ mill-operat ta' fergħa jekk hija "effettivament tipparteċipa f'xi wħud mill-atti li jikkostitwixxu delitt ċivili" [29].

2. L-applikazzjoni ta' din il-ġurisprudenza għat-tilwima

a) L-entità rilevanti għall-effetti tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament

53. Mid-digrieti huwa dedott li, fil-Polonja, żewġ kumpanniji jirrappreżentaw lil Gefion: Polins u Crawford Polska.

54. Skont il-qorti tar-rinviju, din iċ-ċirkustanza tikkawża diffikultajiet sabiex jiġi ddeterminat liema entità, eżattament, hija responsabbli għalr-regolazzjoni tal-inċident u fir-rigward tal-proċedura ġudizzjarja fir-rigward tal-impriża tal-assigurazzjoni [30].

55. Għalkemm dan it-tħassib huwa leġittimu, it-trattament tiegħu ma jikkorrispondix għall-opinjoni mitluba, li għandha tkun limitata għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament [31].

56. Min-naħa l-oħra huwa importanti li tkun magħrufa b'ċertezza lil liema waħda mill-entitajiet li jirrappreżentaw lill-impriża tal-assigurazzjoni fil-Polonja għandha tiġi allokata l-attività li twassal għat-tilwima. Il-verifika tal-fatturi li jiddefinixxu l-fergħa, l-aġenzija jew stabbiliment ieħor tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament għandha titwettaq b'riferiment għal din l-entità.

[26] Sentenzi Somafer, punti 11 u 13; tad-19 ta' Lulju 2012, Mahamdia (C-154/11, EU:C:2012:491), punt 48; flyLAL-Lithuanian Airlines, punt 59; jew id-digriet tad-19 ta' Novembru 2019, INA *et* (C-200/19, mhux ippubblikat, EU:C:2019:985), punt 35.

[27] Sentenza tal-11 ta' April 2019, Ryanair (C-464/18, EU:C:2019:311), punti 34 u 35.

[28] Ma hijiex ikkontestata l-klassifikazzjoni tal-azzjoni ta' CNP kontra Gefion bħala "delitt", fit-terminoloġija tar-Regolament.

[29] Sentenza flyLAL-Lithuanian Airlines, punt 63.

[30] Punt 24 tad-digriet tar-rinviju. Is-Sąd Rejonowy w Białymstoku (il-Qorti Distrettwali ta' Białystok) tagħmel riferiment, bħala prova ta' dawn id-diffikultajiet, għad-domanda preliminari magħmula fi proċedura oħra, ukoll kontra Gefion, li wasslet għas-sentenza tas-27 ta' Frar 2020, Corporis (C-25/19, EU:C:2020:126; iktar 'il quddiem, is-sentenza "Corporis").

[31] Nammetti li d-diżaggregazzjoni tal-attivitajiet ta' assigurazzjoni bil-mod li bih jidher li qiegħda tagħmel Gefion, jista' jkollha impatt fuq l-applikabbiltà tad-dispożizzjoni: pereżempju, minħabba li tagħmilha diffiċli li l-pubbliku jkollu perċezzjoni li impriża lokali tkun estensjoni ta' dik prinċipali. Madankollu, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament għandha tkun stretta; il-formulazzjoni tagħha stess tillimita, ukoll, l-elementi li fuqhom tiddependi l-applikazzjoni tagħha għal dawk li jikkonċernaw it-tilwima speċifika. Fi kliem ieħor: għall-finijiet ta' u f'koerenza mal-għan tagħha (l-eżistenza ta' konnessjoni mill-qrib bejn it-tilwima u l-qorti), kwalunkwe preżenza tal-konvenut fi Stat Membru ma hijiex valida, iżda hija valida biss dik tal-entità li tipparteċipa fl-attività li tat lok għat-tilwima.

57. Id-digriet tar-rinviju ma huwiex ċar daqskemm wieħed jixtieq f'dan ir-rigward. Madankollu, jiena inklinat li nikkunsidra li din l-impriża hija Crawford Polska. Dan jista' jiġi dedott minn dan id-digriet, li jipprovdi wkoll li l-oriġini tat-tilwima tinsab fir-regolazzjoni tal-inċident, li twettqet, ġustament, minn Crawford Polska [32].

58. Suġġett għall-verifika li finalment għandha titwettaq mill-qorti tar-rinviju, għaldaqstant ser nieħu bħala premessa li Crawford Polska hija l-entità rilevanti fil-qafas tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament.

b) Il-klassifikazzjoni ta' Crawford Polska u l-evalwazzjoni tal-imġiba tagħha.

59. Ir-risposta għat-tieni domanda preliminari teħtieġ li jiġi ċċarat, minn naħa, jekk Crawford Polska tissodisfax il-kundizzjonijiet ta' fergħa, aġenzija jew stabbiliment ieħor, skont l-Artikolu 7(5) tar-Regolament; u min-naħa l-oħra, liema kien il-grad ta' intervent attiv tagħha fl-avvenimenti li wasslu għall-kawża prinċipali.

60. Iż-żewġ aspetti għandhom natura fattwali notevoli u hija biss il-qorti tar-rinviju li tinsab f'pożizzjoni xierqa sabiex tivverifikahom minħabba l-prossimità tagħha għall-fatti. Għaldaqstant, ser nillimita ruħi sabiex noffri xi kjarifiki.

61. L-ewwel waħda tikkonċerna l-oppożizzjoni ta' Gefion sabiex Crawford Polska tiġi kklassifikata bħala fergħa, aġenzija jew stabbiliment ieħor, minħabba li hija entità indipendenti u li hija inkarigata mir-regolazzjoni tal-inċidenti f'isem diversi entitajiet ta' assigurazzjonijiet u entitajiet oħra [33].

62. Fil-fehma tiegħi, l-ebda wieħed minn dawn iż-żewġ fatturi (l-indipendenza u n-nonesklużività) ma jwassal għan-nuqqas ta' applikazzjoni tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament, meta elementi oħra, ikkunsidrati flimkien, jiġġeneraw id-dehra karatteristika għall-iskopijiet tad-dispożizzjoni, u l-entità sekondarja tkun ukoll materjalment mgħammra biex tinnegozja ma' terzi.

63. Għaldaqstant naqbel mal-evalwazzjoni tal-qorti tar-rinviju u tal-Kummissjoni [34], ibbażata fuq l-informazzjoni li ġejja dwar l-istatus u l-attività ta' Crawford Polska:

– Hija tieħu l-forma ta' kumpannija limitata, li, f'konformità mal-ordinament Pollakk, għandha Bord tad-Diretturi (għaldaqstant, għandha maniġment).

– Hija tirrappreżenta l-interessi ta' Gefion fil-Polonja u fil-korrispondenza tagħha tenfasizza li taġixxi f'isem Gefion, li hija aġent tagħha.

– Bis-saħħa tas-setgħat mogħtija fl-2016, hija tgawdi minn kompetenza sħiħa sabiex teżerċita l-attività ta' regolazzjoni tal-inċidenti, b'effetti legali għall-kumpannija ta' assigurazzjoni,

[32] Skont il-Kummissjoni, li tibda mill-istess preżuppożizzjoni, id-domanda tal-qorti tar-rinviju tagħmel allużjoni għal din l-entità. Nemmen li dan huwa plawżibbli, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-punti 26 u 28 tad-digriet tar-rinviju.

[33] Osservazzjonijiet ta' Gefion, punti 20 u 21. F'dan il-kuntest, Gefion tippreżenta r-riflessjonijiet tagħha stess fuq l-Artikolu 152 tad-Direttiva Solvibbiltà II, fejn tissuġġerixxi li, skont din id-dispożizzjoni, entità b'dawn il-karatteristiċi qatt ma tkun fergħa, aġenzija jew stabbiliment fis-sens tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament. Ser nindirizza din il-kwistjoni iktar 'il quddiem.

[34] Digriet tar-rinviju, punt 26, u l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni, punti 56, 58 u 60. F'dan l-istess kuntest, il-qorti tar-rinviju u l-Kummissjoni, fl-Artikolu 145 tad-Direttiva Solvibbiltà II, li ser nindirizza wkoll iktar 'il quddiem.

b'mod li t-terzi ma jkunux meħtieġa jindirizzaw direttament lil Gefion għal kwistjonijiet relatati ma' din l-attività.

64. Barra minn hekk, huwa loġiku li wieħed jassumi li Crawford Polska għandha r-riżorsi materjali meħtieġa sabiex twettaq dawn l-attivitajiet. Dan huwa element essenzjali biex tiġi kklassifikata bħala "ċentru ta' operazzjonijiet li jservi ta' manifestazzjoni esterna dejjiema, bħala l-estensjoni tal-istabbiliment omm", fis-sens tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament. Il-qorti tar-rinviju għandha tifforma l-konvinzjoni tagħha f'dan ir-rigward, billi tiġbor, fejn ikun meħtieġ, l-informazzjoni rilevanti kif previst fl-ordinament tagħha.

65. It-tieni osservazzjoni tiegħi tikkonċerna l-intervent ta' Crawford Polska fl-attività li kkawżat it-tilwima, jiġifieri, fis-servizzi ta' regolazzjoni tal-inċidenti, kif ukoll fid-deċiżjoni li tiġi kkumpensata biss parti waħda tal-ammont mitlub.

66. Skont id-deskrizzjoni tal-fatti tal-qorti tar-rinviju, Crawford Polska (u mhux Gefion) adottat din id-deċiżjoni li kienet ewlenija għall-ġenesi tat-tilwima [35]. Jekk tiġi kkonfermata din iċ-ċirkustanza, Crawford Polska ma tkunx sempliċi intermedjarja li tittrażmetti l-informazzjoni, iżda tkun ikkontribwixxiet attivament għas-sitwazzjoni legali li wasslet għat-tilwima.

67. Bl-istess mod, Crawford Polska ssodisfat il-kundizzjonijiet li jawtorizzaw l-allokazzjoni tal-ġurisdizzjoni internazzjonali lill-korpi tal-Istat li hija stabbilita fih, sabiex tisma' azzjoni mill-persuna assigurata (jew tal-aventi kawża tiegħu fit-titolu) kontra Gefion.

68. Bil-kunsiderazzjonijiet li diġà esponejt hemm bażi suffiċjenti sabiex tingħata risposta għat-tieni domanda preliminari, kif inhi fformulata. Ma hija meħtieġa l-ebda kunsiderazzjoni addizzjonali dwar l-impatt tad-Direttiva Solvibbiltà II, li ser nindirizza biss għal raġunijiet ta' kompletezza u sabiex ma nħallix bla risposta lil dawk li ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub f'dan ir-rinviju.

C. L-impatt tad-Direttiva Solvibbiltà II fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament

69. Il-qorti tar-rinviju (b'mod marġinali), Gefion u l-Kummissjoni jagħmlu allużjoni għall-Artikoli 145 u 152 tad-Direttiva Solvibbiltà II, bħala dispożizzjonijiet li jistgħu jaffettwaw is-soluzzjoni tat-tilwima.

70. L-osservazzjonijiet ta' Gefion tal-Kummissjoni jindikaw relazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u l-Artikolu 7(5) tar-Regolament. B'mod iktar speċifiku:

– Mill-argumenti tal-Kummissjoni donnu jirriżulta [36] li, fil-fehma tagħha, meta impriża tal-assigurazzjoni teżerċita l-attività ekonomika tagħha fi Stat ieħor permezz ta' "preżenza

[35] Punt 5 tad-digriet tar-rinviju.

[36] Ngħid "donnu jirriżulta" għaliex il-Kummissjoni, fil-verità, ma ssostnix b'mod espliċitu l-korrelazzjoni awtomatika bejn iż-żewġ kunċetti.

permanenti", fis-sens tal-Artikolu 145 tad-Direttiva Solvibbiltà II [37], ikun hemm fergħa, aġenzija jew stabbiliment għall-finijiet tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament [38].

– Gefion targumenta li l-ħatra ta' rappreżentant skont l-Artikolu 152 tad-Direttiva Solvibbiltà II ma tiftaħx il-possibbiltà li tiġi mħarrka l-impriża tal-assigurazzjoni f'konformità mal-Artikolu 7(5) tar-Regolament. Hija tindika li l-Artikolu 152(3) innifsu jeskludi l-klassifikazzjoni tar-rappreżentant bħala "fergħa" fis-sens tal-Artikolu 145 tad-Direttiva Solvibbiltà II [39].

71. Min-naħa tagħha, il-qorti tar-rinviju ssostni li l-klassifikazzjoni li tirċievi entità għall-iskopijiet tad-Direttiva Solvibbiltà II tippermetti li jiġi dedott li "Crawford Polska [...] għandha tiġi ttrattata bħala 'stabbiliment ieħor' tal-konvenuta [Gefion], fis-sens tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament [...]" [40].

72. Iktar 'il quddiem ser neżamina dawn l-allegazzjonijiet filwaqt li nfakkar, madankollu, li diġà ddeċidejt dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament, li għandha tkun awtonoma, fid-dawl tal-istruttura u tal-objettivi tiegħu.

1. Il-"preżenza permanenti" u r-"rappreżentant" fid-Direttiva Solvibbiltà II

73. F'konformità mad-Direttiva Solvibbiltà II, l-eżerċizzju tal-attività tal-assigurazzjoni minn impriża stabbilita fi Stat Membru, li għandha l-intenzjoni li twettaqha fi Stat Membru ieħor, huwa suġġett għal ċerti kontrolli [41] li huma differenti skont il-formula magħżula minn din l-impriża.

74. Impriża tal-assigurazzjoni li tixtieq tespandi l-attività tagħha taħt il-protezzjoni tal-*libertà ta' stabbiliment* għandha tinnotifika lill-awtoritajiet ta' superviżjoni tal-Istat Membru ta' oriġini dwar l-intenzjoni tagħha li tistabbilixxi ruħha fi Stat ieħor, u tikkomunikalhom l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 145 tad-Direttiva [42].

75. Fuq din il-bażi, l-awtoritajiet ta' superviżjoni tal-Istat ta' oriġini janalizzaw il-vijabbiltà tal-proġett ta' stabbiliment. Jekk l-evalwazzjoni tkun pożittiva, iwettqu l-komunikazzjonijiet deskritti fl-Artikolu 146(1) tad-Direttiva [43]. L-impriża ta' assigurazzjoni tista' mbagħad tibda l-attività transkonfinali tagħha fl-Istat ospitanti permezz ta' fergħa jew ta' preżenza permanenti meqjusa bħala tali.

[37] F'dan ir-rigward, l-impriża ta' assigurazzjoni għandha tinnotifika lill-awtoritajiet ta' superviżjoni tal-Istat Membru ta' oriġini dwar l-intenzjoni li toħloq fergħa fit-territorju ta' Stat ieħor, u għandha wkoll tikkomunika ċerta informazzjoni. Skont il-punt 1 tiegħu, "[k]ull preżenza permanenti ta' impriża fit-territorju ta' Stat Membru għandha tiġi ttrattata bl-istess mod bħal fergħa, anki fejn dik il-preżenza ma jkollhiex il-forma ta' fergħa, iżda tikkonsisti biss f'uffiċċju amministrat mill-impjegati tal-impriża proprja jew minn persuna li tkun indipendenti iżda li jkollha l-awtorità permanenti biex taġixxi għall-impriża bħal ma kienet tagħmel aġenzija".

[38] Punt 61 tal-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni.

[39] Osservazzjonijiet ta' Gefion, punt 21. Gefion issostni li l-attività tagħha fil-Polonja titwettaq fl-eżerċizzju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, billi tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa mid-Direttiva Solvibbiltà II, mingħajr ma l-awtoritajiet ta' superviżjoni Daniżi jew dawk Pollakki ma esprimew xi riżerva. Dan l-argument, iżżid, ikun suffiċjenti biex tiġi miċħuda l-applikabbiltà tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament.

[40] Punt 28 tad-digriet tar-rinviju *in fine*.

[41] Skont il-premessa 11 tad-Direttiva Solvibbiltà II, li permezz tagħha titwettaq "l-armonizzazzjoni li hemm bżonn u li hija suffiċjenti biex jintlaħaq ir-rikonoxximent reċiproku tal-awtorizazzjonijiet u s-sistemi ta' suoerviżjoni [superviżjoni]", b'mod li awtorizzazzjoni unika tkun valida fil-Komunità kollha u s-superviżjoni tal-impriża titwettaq fl-Istat Membru ta' oriġini.

[42] Din l-informazzjoni tinkludi, fost affarijiet oħra, it-tip ta' operazzjonijiet previsti, l-istruttura organika tal-istabbiliment u l-isem tal-persuna li, fi ħdanha, hija awtorizzata torbot lill-entità tal-assigurazzjoni fil-konfront ta' terzi.

[43] Lill-awtoritajiet ta' superviżjoni tal-Istat ospitanti u lill-impriża nnifisha. Għandhom jiċċertifikaw ukoll li l-impriża għandha l-kapital ta' solvibbiltà u l-kapital minimu obbligatorji.

76. Jekk l-impriża ta' assigurazzjoni tagħżel li twettaq l-attività tagħha barra mill-Istat ta' oriġini taħt il-*libertà li jiġu pprovduti servizzi*, għandha tinnotifika wkoll l-intenzjoni tagħha lill-awtoritajiet ta' superviżjoni ta' dan l-Istat [44].

77. Fil-fergħa speċifika tal-assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili li tirriżulta mill-użu ta' vetturi bil-mutur, id-Direttiva teżiġi wkoll li l-impriża tal-assigurazzjoni taħtar "rappreżentant residenti jew stabbilit fit-territorju tiegħu [tal-Istat Membru ospitanti] li għandu jiġbor l-informazzjoni kollha neċessarja fir-rigward ta' klejms, u għandu jkollu poteri suffiċjenti biex jirrappreżenta lill-impriża fir-rigward ta' persuni li jsofru ħsara jew li jistgħu jsegwu klejms, inkluż il-pagament ta' dawn il-klejms, u li jirrappreżentaha jew, meta neċessarju, li jara li tkun rappreżentata quddiem il-qrati u l-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru f'relazzjoni għal dawn il-klejms" (Artikolu 152).

78. B'hekk il-persuni li jressqu klejm dwar avvenimenti li seħħew fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti, relatati mal-assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili li tirriżulta mill-użu ta' karozzi, ma humiex f'sitwazzjoni inqas favorevoli skont il-formula magħżula mill-impriża ta' assigurazzjoni.

79. Għal dawn l-għanijiet speċifiċi, għaldaqstant, huwa irrilevanti li l-impriża ta' assigurazzjoni taġixxi b'sistema ta' provvista ta' servizzi jew permezz ta' stabbiliment (fergħa jew preżenza permanenti meqjusa bħala tali) fl-Istat Membru ospitanti, fejn ikun seħħ l-inċident [45].

80. Id-Direttiva Solvibbiltà II ma hijiex espliċita wisq fir-rigward tal-"preżenza permanenti", u lanqas ma tirregola b'dettall is-sistema legali tar-rappreżentant tal-impriża ta' assigurazzjoni [46], lil hinn milli tiddikjara li għandu jkollu biżżejjed setgħat sabiex jirrappreżenta lill-impriża, kemm quddiem terzi leżi li jressqu klejm quddiemu, kif ukoll quddiem il-qrati u awtoritajiet oħra, sa fejn dan jikkonċerna lil dawn il-klejms.

81. Madankollu, b'mod indirett, permezz tal-Artikoli 145 (għall-preżenza permanenti) u 152 (għar-rappreżentant), din id-direttiva tipprovdi xi elementi li jikkontribwixxu għat-tfassil tad-delimitazzjonijiet tagħhom:

– Il-preżenza permanenti ma għandhiex neċessarjament tadotta l-forma ta' fergħa. Tista' titqies bħala tali, kemm il-darba timmaterjalizza f'uffiċċju amministrat minn persunal tal-impriża prinċipali, jew minn persuna indipendenti b'setgħat sabiex taġixxi b'mod permanenti f'isem l-impriża bħalma taġixxi aġenzija. Fiż-żewġ każijiet għandu jkollha s-setgħa li tobbliga lill-impriża ta' assigurazzjoni fil-konfront ta' terzi.

– Il-funzjonijiet tar-rappreżentant ma jippermettux li sempliċiment jiġi meqjus bħala fergħa: skont l-Artikolu 152(3) tad-Direttiva Solvibbiltà II, "[i]l-ħatra tar-rappreżentant ma għandhiex minnha nnifisha tfisser il-ftuħ ta' fergħa għall-iskop tal-Artikolu 145" [47].

[44] L-Artikolu 148(1) tad-Direttiva Solvibbiltà II jipprovdi li l-awtoritajiet ta' superviżjoni tal-Istat ta' oriġini, fi kwalunkwe każ għandhom jikkomunikaw ċerta informazzjoni lill-awtoritajiet tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu huwa propost li topera l-impriża.

[45] Artikolu 151 tad-Direttiva Solvibbiltà II. Ara s-sentenza Corporis, punt 35.

[46] F'dan l-istess sens, is-sentenza Corporis, punt 37: "din id-dispożizzjoni [l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 152(1) tad-Direttiva Solvibbiltà II] ma tippreċiżax il-portata eżatta tas-setgħat fdati f'dan ir-rigward lir-rappreżentant tal-impriża ta' assigurazzjoni".

[47] Skont l-Artikolu 152(2), "[l]-Istat Membru ospitanti ma għandhux jeħtieġ li dak ir-rappreżentant jidħol għal attivitajiet għan-nom tal-impriża [...] li tkun ħatritu barra minn dawk stabbiliti fil-paragrafu 1".

82. Ma' dawn l-elementi jiżdiedu dawk li ġew stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest ta' sensiela ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari. Ser nelabora dwarahom iktar 'il quddiem, peress li jservu sabiex jiffurmaw il-konvinzjoni tiegħi dwar il-kuntrast ta' dawn il-kunċett ma' dawk tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament.

2. Ir-relazzjoni tal-fergħa jew tal-preżenza permanenti meqjusa bħala tali u tar-rappreżentant mal-Artikolu 7(5) tar-Regolament

a) Il-"preżenta permanenti" inkwantu "fergħa, aġenzija jew stabbiliment ieħor"

83. Għall-finijiet tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament, fergħa, aġenzija jew stabbiliment ieħor huma ċentru ta' operazzjonijiet li għandu maniġment u huwa materjalment mgħammar sabiex iwettaq negozji ma' terzi, marbut mal-impriża ewlenija, li jservi ta' manifestazzjoni esterna dejjiema, bħala l-estensjoni ta' din tal-aħħar.

84. L-akkreditazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti tista' tkun eħfef jekk l-impriża tal-assigurazzjoni, sabiex tespandi l-attività tagħha lejn Stati Membri differenti minn dak ta' oriġini, topera fil-portata tal-libertà ta' stabbiliment, wara li twettaq il-proċeduri xierqa, u toħloq fergħa jew preżenza permanenti meqjusa bħala tali, fis-sens tal-Artikolu 145 tad-Direttiva Solvibbiltà II.

85. Meta fl-azzjonijiet li jagħtu lok għal tilwima kontra entità ta' assigurazzjoni stabbilita fi Stat Membru, tkun intervjeniet, f'isem din tal-aħħar, *fergħa* stabbilita fi Stat ieħor li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 145 tad-Direttiva Solvibbiltà II, għandha teżisti wkoll, normalment u fil-fatt, "fergħa", "aġenzija" jew "stabbiliment" konformi mal-Artikolu 7(5) tar-Regolament [48].

86. Dan ikun il-każ ukoll, b'kunsiderazzjoni tal-kontenut tal-Artikolu 145 tad-Direttiva Solvibbiltà II, jekk l-impriża ta' assigurazzjoni tagħżel, bħala formula sabiex teżerċita l-libertà ta' stabbiliment tagħha, li jkollha *preżenza permanenti* bil-karatteristiċi li jippermettu li titqies bħala fergħa [49].

87. Jekk din il-preżenza permanenti tikkonsisti "biss f'uffiċċju amministrat mill-impjegati tal-impriża proprja jew minn persuna li tkun indipendenti iżda li jkollha l-awtorità permanenti biex taġixxi għall-impriża bħal ma kienet tagħmel aġenzija" (Artikolu 145(1) tad-Direttiva Solvibbiltà II), ma jkunx hemm diffikultajiet eċċessivi sabiex wieħed jifhem li hija tissodisfa, fl-istess ħin, il-kundizzjoni tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament:

– Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-"preżenza permanenti" fil-qafas tal-libertà ta' stabbiliment, irrikonoxxut mill-Artikolu 43 TFUE, tipprovdi li din tista' tiġi

[48] F'din il-kawża ma ġietx invokata l-ekwivalenza awtomatika bejn il-kunċetti ta' "fergħa" tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament u tad-Direttiva Solvibbiltà II. Għalkemm b'mod intuwittiv għandha tingħażel ir-risposta fl-affermattiv, għandi nfakkar li f'din id-direttiva jintużaw tifsiriet differenti ta' fergħa: waħda, ġenerali, hija dik tal-Artikolu 13(11) taħt it-titolu "Definizzjonijiet"; oħra, speċifika, isservi għall-effetti tal-Kapitolu IX tat-Titolu I, fl-Artikolu 162(2); u oħra, għal dawk tat-Titolu IV, fl-Artikolu 268(1)(b). L-analiżi ta' jekk dawn kollha jissodisfawx, per definizzjoni, ir-rekwiżiti tar-Regolament, tmur lil hinn mill-għan ta' dawn il-konklużjonijiet.

[49] It-trattament simili ta' fergħa u ta' preżenza permanenti tmur lura għas-sentenza tal-4 ta' Diċembru 1986, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (205/84, EU:C:1986:463). Sussegwentement kienet ġiet sanċita mil-leġiżlatur, abbażi tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 88/357/KEE tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1988 It-Tieni Direttiva tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni diretta ta' xorť oħra minn assigurazzjoni tal-ħajja u li jistipulaw id-dispożizzjonijiet li jiffaċilitaw l-eżerċizzju effettiv tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u li temenda d-Direttiva 73/239/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 198).

vverifikata "abbażi ta' elementi oġġettivi u verifikabbli, relatati, b'mod partikolari, mal-livell ta' eżistenza fiżika f'termini ta' stabbilimenti, ta' persunal u ta' tagħmir" [50].

– L-Artikolu 145(2) tad-Direttiva Solvibbiltà II jeħtieġ li l-impriża ta' assigurazzjoni, sabiex tistabbilixxi ruħha fi Stat Membru ieħor, tikkomunika lill-awtoritajiet ta' superviżjoni tal-Istat ta' oriġini l-isem tal-persuna awtorizzata sabiex tobbligaha fil-konfront ta' terzi, fi ħdan il-fergħa jew il-preżenza permanenti.

88. Għadha miftuħa d-diskussjoni dwar jekk, sabiex tiġi kklassifikata bħala "stabbiliment", fis-sens tad-Direttiva Solvibbiltà II, il-preżenza permanenti għandhiex takkredita ċirkustanzi oħra: b'mod partikolari, jekk għandhiex tkun suġġetta għall-maniġment u għall-kontroll tal-impriża ta' assigurazzjoni u jekk għandhiex teżerċita l-attività tagħha b'rabta esklużiva, jew preponderanti ħafna, ma' din tal-aħħar [51].

89. Għal dak li huwa importanti hawnhekk, jiena tal-fehma li ma huwiex neċessarju li din id-diskussjoni tiġi deċiża: fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament, dawn iż-żewġ elementi ma humiex deċiżivi.

90. Jekk, bil-kontra ta' dan u b'mod determinanti, dawn huma deċiżivi, il-preżenza permanenti li titqies bħala fergħa għandu jkollha l-mezzi (maniġment, postijiet, persunal, tagħmir) sabiex taġixxi u għandha tkun intervjeniet fir-relazzjoni ġuridika li minnha rriżultat it-tilwima, fit-termini li jinsiltu mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja msemmija iktar 'il fuq [52].

91. Din l-istess ġurisprudenza tenfasizza, bħalma fakkart, li l-prossimità bejn it-tilwima u l-qorti msejħa sabiex tismagħha ma hijiex biss evalwata skont ir-relazzjonijiet ġuridiċi eżistenti bejn l-entitajiet stabbiliti fi Stati Membri differenti, iżda wkoll skont il-mod li bih jaġixxu fl-attività tal-kumpannija u juru lilhom innifishom quddiem it-terzi fir-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom.

92. Għaldaqstant, ikun il-kombinament ta' dawn il-fatturi, f'każ speċifiku, (u mhux l-intensità tal-kontroll li l-impriża ta' assigurazzjoni timponi fuq l-entitajiet li jinsabu fl-Istat ospitanti, u lanqas il-grad tar-rabta esklużiva ta' dawn tal-aħħar ma' tal-ewwel) li jippermetti li jiġi ddeterminat jekk hemmx relazzjoni mill-qrib bejn tilwima u l-qorti msejħa biex tismagħha.

b) Ir-"rappreżentant" tal-Artikoli 151 u 152 tad-Direttiva Solvibbiltà II

93. Meta impriża ta' assigurazzjoni testendi l-attività professjonali tagħha lejn Stat Membru ieħor, fl-eżerċizzju tal-libertà li tipprovdi servizzi, jista' jseħħ [53] li jkun hemm neqsin is-sinjali materjali li jippermettu r-rikonoxximent tal-eżistenza ta' fergħa, aġenzija jew stabbiliment ieħor, għall-finijiet tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament.

[50] Sentenza tas-26 ta' Ottubru 2010, Schmelz (C-97/09, EU:C:2010:632), punt 38.

[51] Il-Kummissjoni, fil-Komunikazzjoni interpretattiva tagħha dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u l-interess ġenerali fis-settur tal-assigurazzjoni (ĠU 200, C 43, p. 5), pp. 9 sa 12, tikkonferma li għandhom jingħataw it-tnejn li huma.

[52] Punti 38 sa 52 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[53] Peress li l-eżerċizzju ta' din il-libertà ma jeskludix ċerta infrastruttura stabbli tal-fornitur fl-Istat destinatarju (sentenza tat-30 ta' Novembru 1995, Gebhard, C-55/94, EU:C:1995:411), ma neskludix li, fir-rigward ta' operatur iddeterminat, ikun hemm id-dehra meħtieġa għall-applikazzjoni tad-dispożizzjoni. F'dan il-każ, terz jista' jressaq it-talba tiegħu kontra l-entità ta' assigurazzjoni quddiem il-qorti li tkun tinsab fiha din l-infrastruttura, f'tilwim għal attivitajiet relatati mal-operat ta' din tal-aħħar.

94. Fil-qasam speċifiku tal-assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili li tirriżulta mill-użu ta' vetturi bil-mutur, ir-rappreżentant li għandu jinħatar mill-entità ta' assigurazzjoni fl-Istat ospitanti diffiċilment ser jibda tilwima "li tirriżulta mill-attività ta' fergħa, aġenzija jew stabbiliment ieħor", fis-sens tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament, jekk l-azzjoni tiegħu tkun limitata għall-funzjonijiet elenkati fl-Artikolu 152 tad-Direttiva Solvibbiltà II.

95. L-Artikolu 152(4) tad-Direttiva Solvibbiltà II jawtorizza lill-Istati Membri[54] jafdaw lil rappreżentant wieħed il-funzjonijiet ta' regolazzjoni tal-inċidenti mniżżla f'dan l-artikolu, u dawk irregolati fl-Artikolu 21 tad-Direttiva 2009/103/KE[55]. Għaldaqstant, jirrikonoxxi, b'mod impliċitu, li l-funzjonijiet ta' rappreżentant wieħed jikkorrispondu għal dawk tal-ieħor, fatt li ġie kkonfermat ukoll mill-Qorti tal-Ġustizzja[56].

96. Il-fatt li dawn iż-żewġ modalitajiet ta' rappreżentanti huma paragunabbli jfisser li, bħala regola ġenerali, dak ikkontemplat fl-Artikolu 152 tad-Direttiva Solvibbiltà II huwa limitat li jirċievi u li jittrażmetti l-informazzjoni sabiex jiffaċilita r-regolazzjoni ta' inċident, kif ukoll biex iwettaq il-ħlas tal-kumpens miftiehem mill-impriża ta' assigurazzjoni[57]. Barra minn hekk, il-funzjoni tiegħu f'dawn il-proċeduri hija sempliċiment passiva.

97. Il-Qorti tal-Ġustizzja, fir-rigward tar-rappreżentant previst mill-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/26 (li jikkorrispondi għall-Artikolu 21 tad-Direttiva 2009/103), iddikjarat li s-setgħat tiegħu huma sempliċiment ta' intermedjazzjoni: l-offerti ta' kumpens ikunu ġejjin biss mill-entità ta' assigurazzjoni[58].

98. Din id-delimitazzjoni ta' funzjonijiet hija koerenti mal-Artikolu 21(6) tad-Direttiva 2009/103, li f'konformità miegħu, ir-rappreżentant għar-regolazzjoni tal-inċidenti "ma' għandux jitqies bħala stabbiliment fis-sens tat-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 44/2001".

99. Infakkar li l-ħatra tar-rappreżentant previst mill-Artikolu 152 tad-Direttiva Solvibbiltà II, li hija meħtieġa "[g]ħall-finijiet imsemmija fl-Artikolu 151", hija dderivata mid-dmir, li l-Istat Membru ospitanti għandu jiżgura konformità miegħu, li l-impriża ta' assigurazzjoni tittratta lill-ilmentaturi b'mod ugwali. Dawn ma għandhomx isibu ruħhom f'sitwazzjoni inqas favorevoli minħabba l-fatt li din l-impriża tkopri riskju taħt il-provvista ta' servizzi, u mhux permezz ta' stabbiliment.

100. Madankollu, l-ekwivalenza tat-trattament ma hijiex biżżejjed biex tiġi imposta interpretazzjoni tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament, li, awtomatikament, tkopri talbiet kontra l-impriża ta' assigurazzjoni fi Stat Membru li fih ma hijiex stabbilita, għas-sempliċi raġuni li għandha rappreżentant għar-regolazzjoni tal-inċidenti.

[54] Fil-każ li l-impriża nnifisha ma tkunx ħatritu.

[55] Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (ĠU 2009, L 263, p. 11). L-Artikolu 152 tad-Direttiva Solvibbiltà II jkompli jagħmel riferiment b'mod letterali għall-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/26/KE, li llum il-ġurnata huwa riprodott, bl-eċċezzjoni tal-paragrafu 7, fl-Artikolu 21 tad-Direttiva 2009/103.

[56] Sentenzi tal-10 ta' Ottubru 2013, Spedition Welter (C-306/12, EU:C:2013:650), punti 21 u 23; u tal-15 ta' Diċembru 2016, Vieira de Azevedo *et* (C-558/15, EU:C:2016:957), punt 33, dwar ir-rappreżentant irregolat bl-Artikolu 21 tad-Direttiva 2009/103 (li kien l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/26); u s-sentenza Corporis, dwar ir-rappreżentant li huwa indirizzat fl-Artikolu 152 tad-Direttiva Solvibbiltà II.

[57] Dan jinkludi l-awtorizzazzjoni sabiex jirċievu dokument għall-preżentazzjoni ta' talba kontra l-entità ta' assigurazzjoni stabbilita fi Stat Membru ieħor, li fih jintalab il-kumpens għal inċident tat-traffiku, bħalma huwa analizzat fis-sentenza Corporis.

[58] Sentenza tal-15 ta' Diċembru 2016, Vieira de Azevedo *et* (C-558/15, EU:C:2016:957), punti 25 u 26.

101. Għaldaqstant, fl-astratt, ma hemmx bażi suffiċjenti sabiex l-applikazzjoni tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament tiġi assoċjata mar-rappreżentant maħtur f'konformità mal-Artikolu 152 tad-Direttiva Solvibbiltà II li huwa limitat biex jeżerċita l-funzjonijiet imniżżla f'din id-dispożizzjoni, fir-rigward tad-diffikultajiet ta' assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili li tirriżultaw mill-użu ta' vetturi bil-mutur.

102. Sabiex l-Artikolu 7(5) tar-Regolament ikun applikabbli, meta l-impriża ta' assigurazzjoni jkollha biss rappreżentant wieħed li fl-Istat ospitanti jeżerċita l-funzjonijiet tal-Artikolu 152 tad-Direttiva Solvibbiltà II, għandu jkun hemm raġunijiet oħra li jawtorizzaw l-attribuzzjoni tal-ġurisdizzjoni internazzjonali lil qrati differenti minn dawk tad-domiċilju tal-konvenut [59].

103. Dan iseħħ jekk ir-rappreżentant jissodisfa l-kundizzjonijiet li jippermettu l-klassifikazzjoni tiegħu bħala fergħa, aġenzija jew stabbiliment ieħor tal-impriża ta' assigurazzjoni u ħa parti attiva fl-attività li tat lok għat-talba tat-terz kontra din tal-aħħar.

104. Mill-bqija, ma jistax jiġi eskluż li l-eżerċizzju tal-attività ta' assigurazzjoni barra mill-Istat ta' oriġini, f'sistema ta' provvista ta' servizzi, tagħti lok għal talbiet kontra entità ta' assigurazzjoni li, b'mod raġonevoli (f'termini ta' ġurisprudenza internazzjonali), għandhom ikunu jistgħu jiġu solvuti fi Stat differenti minn dak tad-domiċilju tagħha.

105. Għalkemm il-bilanċ bejn id-drittijiet rispettivi tal-partijiet u l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja jittraduċi ruħu, qabel kollox, fir-regola li l-konvenut jiġi suġġett għall-qrati tad-domiċilju tiegħu, fir-Regolament hemm alternattivi li huma offruti lir-rikorrent, bħal dik li jressaq l-azzjoni tiegħu fil-post fejn seħħew il-fatti [60].

106. Ir-Regolament jipproteġi wkoll, lir-rikorrent li huwa "inqas b'saħħtu" fir-relazzjoni ta' assigurazzjonijiet permezz ta' regoli speċifiċi ta' ġurisdizzjoni internazzjonali (dawk tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu II), li ma humiex relatati mat-tip ta' preżenza tal-impriża ta' assigurazzjoni f'territorju. L-istess trattament huwa offrut lill-parti leża li għandha azzjoni diretta.

c) L-applikazzjoni għall-kawża preżenti

107. Gefion issostni li teżerċita l-attività tagħha fil-Polonja bħala manifestazzjoni tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, bil-qbil tal-awtoritajiet ta' superviżjoni tal-Istati ta' oriġini u ospitanti.

108. Mill-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni jiġi dedott, madankollu, li, fil-verità, l-attività ta' Crawford Polska taqa' taħt il-libertà ta' stabbiliment. Il-qorti tar-rinviju tidher li hija tal-istess fehma (b'mod impliċitu).

109. Bħalma ppruvajt nispjega, fil-qafas tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament, it-titolu li taħtu impriża ta' assigurazzjoni twettaq l-attività tagħha fi Stat Membru tista' tiżvela kemm li jeżistu fil-fatt il-kundizzjonijiet meħtieġa minn dan l-artikolu (li normalment ikun il-każ fil-każ fejn l-impriża taġixxi taħt il-libertà ta' stabbiliment), jew inkella l-oppost (li jseħħ, b'mod ġenerali, meta taġixxi taħt il-libertà li jiġu pprovduti servizzi).

[59] Ara l-premessa 16 tar-Regolament.

[60] Fi klejm bħal dak tal-kawża preżenti, li hija ppreżentata bħala mhux kuntrattwali min-natura tagħha.

110. Dan it-titolu, ninsisti, ma jippredeterminax, la f'sens wieħed u lanqas f'ieħor, l-applikazzjoni tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament, li ser tkun iddeterminata fid-dawl tal-kriterji li, fir-rigward tal-interpretazzjoni tiegħu, huma dderivati mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

111. Skont dawn il-kriterji, l-attività ta' Gefion fil-Polonja, permezz tal-kumpannija Crawford Polska, tista' tiġġustifika l-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qrati Pollakki fit-termini li diġà esponejt iktar 'il fuq, peress li hija tilwima mressqa minn terzi kontra Gefion, li hija dderivata minn deċiżjoni ta' Crawford Polska li torbot lil din l-impriża ta' assigurazzjoni.

112. Il-fatt li Gefion aġixxiet taħt l-Artikoli 147 *et seq*. tad-Direttiva Solvibbiltà II, għaldaqstant ma jirriżultax bħala wieħed deċiżiv.

V. Konklużjoni

113. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għat-tieni domanda preliminari tas-Sąd Rejonowy w Białymstoku (il-Qorti Distrettwali ta' Białystok, il-Polonja) f'dawn it-termini:

"L-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, għandu jiġi interpretat fis-sens li kumpannija kummerċjali stabbilita fi Stat Membru, meta taġixxi fil-qafas ta' kuntratt ma' impriża ta' assigurazzjoni stabbilita fi Stat Membru ieħor, tkun tista' tiġi kklassifikata bħala "fergħa, aġenzija jew xi stabbiliment ieħor" ta' din tal-aħħar jekk, b'mod kumulattiv:

– topera fi Stat Membru billi tikkumpensa d-danni materjali abbażi ta' assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili li tirriżulta mill-użu ta' vetturi bil-mutur, li r-riskji tagħha huma koperti mill-impriża ta' assigurazzjoni;

– tippreżenta ruħha esternament bħala estensjoni tal-impriża ta' assigurazzjoni; u

– għandha maniġment u tagħmir materjali li jippermettulha tinnegozja ma' terzi, b'mod li dawn, għalkemm ikunu jafu li eventwalment ser tinħoloq rabta legali mal-impriża ta' assigurazzjoni, huma eżentati milli jindirizzawha direttament".